Kunsill Reġjun Punent
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **56**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar It-Tnjen 22 ta' Diċembru, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17.00.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Is-Siġġiewi: | Sindku s-Sur Julian Borg |
| Ħad-Dingli: | Sindku is-Sur Raymond Schembri |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zmmit |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Rabat: | Sindku s-Sur Alexander Craus |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Ħal Safi | Is-Sindku is-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17.30 ta' filgħaxija.

**56.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

56.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tal-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca.

**56.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 55;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 55 li saret nhar it-18 ta' Novembru 2025.

Sekondant: is-Sindku ta' Ħal-Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**56.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

56.03.01 Nhar is-26.11.25 ittellgħu żewg Budget Proposal Workshops. Filwaqt li kien hemm interess u konkorrenza tajba għal workshop imtella' għall-istaff klerikali u team building event, kellna nuqqas t'attendenza fil-workshop mtella' għas-Sindki, Kunsilliera u ES

56.03.02 Ir-Reġjun ipparteċipa permezz ta' stand fl-EXPO nhar l-04 u 05.12.25 li l-AKL tellgħet ġewwa l-Westin Dragonara San Ġiljan.

56.03.03 Wara li ssemma li DLG ser joffri xi vetturi elettriċi għall-użu tal-Kunsilli Lokali ġie deċiż li fi żmien qasir li kien hemm; ma napplikawx għas-sejħa Proġetti fil-Komunitajiet - Programm 2024-2026 - It-Tieni Sejħa

**56.04 Kommunikazzjoni mill-President**

56.04.01 Nhar id-19.11.25 irċivejna Cir AKL 2025/067_Light, Unite, Ignite - Team Building Event 2025 li saret nhar 21.11.2025

56.04.02 Nhar id-19.11.25 il-Maniġer tal-Proġetti bagħat d-dokumentazzjoni relatat max-xogħol kollu li ġie eżegwit fuq il-latrina pubblika li tinsab l-Baħrija fil-limiti tar-Rabat.

56.04.03 Nhar id-19.11.25 irċivejna Cir AKL 2025/069_Expo - Inspiring Change: Councillors Shaping Stronger, Healthier Communities! li sar nhar l-04 u 05.12.25. L-avveniment serva biex wieħed ikun jista' jżur l-esebizzjonijiet li ttellgħu minn entitajiet diversi filwaqt li jattendi workshops li ġew mtellgħin matul dawn il-jumejn. Waqt din l-attività sar ukoll is-CEMR Leaders and Policy Committee Summit.

56.04.04 Nhar id-19.11.25 b'referenza għall- BM351 irċivejna invit mill-Arts Council Malta għal online meeting sabiex jiġi diskussi l-passi li jmiss kemm f'termini tal-miżuri proposti kif ukoll tal-isfidi strutturali usa u qafas operattiv li jappoġġja t-twettiq effettiv ta' dan l-EMP.

56.04.05 Nhar id-19.11.25 il-Maniġer tal-iskart bagħat il-lista tal-hotspots lill-ERA.

56.04.06 Nhar il-21.11.25 is-Sa Sammut mid-DLG bagħtet Cirkulari 7/2025- Apprezzament tal-Mużika – Klabb 3-16.

56.04.07 Nhar it-22.11.25 irċivejna mill-Arts Council li ser ikunu qed iħabbru l-finalisti tal-Premju għall-Arti.

56.04.08 Nhar it-23.11.25 il-Maniġer tal-Iskart informa lill-kuntratturi dwar tranżazzjonijiet li mhux ser jkunu parti mill-kont li jħallas ir-Reġjun, u ser jduru lejn il-hauliers rispettivi.

56.04.09 Nhar l-24.11.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet id-dokumenti relatati mal-proġett CREA-CULT-2025-COOP lill-Ewropa Kreattiva sabiex ikunu jistgħu jiddiskutu r-riżultati.

56.04.10 Nhar l-24.11.25 is-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL talbet għal direzzjoni mill-aktar fis possibli dwar l-iskeda tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli matul il-perjodu tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

56.04.11 Nhar l-24.11.25 irċivejna stedina mill-EUPA għal sessjoni ta' informazzjoni online tal-Erasmus+, imfassla speċifikament għas-sejħiet tal-KA 1 tal-Erasmus+ 2026 fil-Korp taż-Żgħażagħ u s-Solidarjetà Ewropea. Din is-sessjoni għandha l-għan li jagħti l-għodod u l-għarfien essenzjali meħtieġa biex tikteb proposta għal proġett.

56.04.12 Nhar l-24.11.25 il-President is-Sur Fava informa li m'hemmx problema biex tiġi emendata il-liġi biex tinbidel il-ġurnata tal-ġbir tal-iskart, u kien infurmat li dan l-avviż se jiġi ippublikat fil-jiem li ġejjin. Għaldaqstant, infurmana li jkun għaqli jekk ir-Reġjuni, jekk għandhom il-finanzjament, jitolbu l-approvazzjoni tad-DoC.

56.04.13 Nhar l-24.11.25 id-DG Vassallo informa li ser ikun qed jibgħat komunikat lir-Reġjuni kollha dwar l-iżvillup tal-ġbir tal-iskart matul il-festi tal-Milied u l-ewwel tas-Sena.

56.04.14 Nhar l-24.11.25 il-President irċieva stedina mill-President ta' Malta għall-okkażjoni ta' Jum ir-Repubblika.

56.04.15 Nhar l-24.11.25 il-Maniġer tal-Iskart bagħat it-tranżazzjonijiet tax-xahar t'Awwissu fejn hemm uħud minnhom li t-tracker installat fuq il-vetturi mhux jtella' informazzjoni ta' fejn għaddha t-trakk (Journey Report). It-tracker juri ġbir ta' skart minn postijiet mhux fir-Reġjun, u fejn l-ammont tal-iskart huwa ħafna iktar min-normal.

56.04.16 Nhar l-24.11.25 id-DG Vassallo bagħat rigward il-possibbiltà ta' tibdil fl-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Informa li wara ħidma ikkoordinata mill-Ministeri rispettivi, nhar il-Ġimgħa 21.11.25 ġie ippubblikat l-Avviż Legali 267 tal-2025. Dan żied it-test li ġej:

"Iżda fejn il-ġurnata ta' ġbir skedata tikkoinċidi ma' festa pubblika, tali ġbir jista' jsir fil-ġurnata ta' xogħol sussegwenti jew f'ġurnata oħra, kif jista' jiġi determinat mill-Awtorità, wara li tiġi debitament infurmata dwar tali ħtieġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, u wkoll diment li jingħata avviż adegwat lir-residenti." B'hekk id-diviżjoni talbet sabiex kull Reġjun jikkonferma li hemm ħtieġa ta' bidla fl-iskeda nazzjonali u jissuġġerixxi ġurnata alternattiva għall-ġabra.

56.04.17 Nhar l-24.11.25 il-Maniġer tal-iskart informa li l-aħjar soluzzjoni għall-ġabra addizzjonali tal-iskart riċiklabbli tkun l-Erbgħa u mhux il-Ġimgħa. Ta' l-istess parir kienu L-AKL u Reġjuni oħra apparti Reġjun Għawdex li kellu pjanijiet oħra.

56.04.18 Nhar il-25.11.25 saret laqgħa dwar aġġornament fuq l-applikazzjoni Ewropa Kreattiva.

56.04.19 Nhar il-25.11.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Kunsill Malti għall-Arti se jkun qed iniedi skema mmirata għall-każini tal-baned. L-iskema se tkun qed toffri sussidju parzjali fuq self approvat mill-banek lill-każini tal-baned.

56.04.20 Nhar il-25.11.25 irċivejna il-5 edizzjoni tal-Urban Newsletter

56.04.21 Nhar is-26.11.25 id-DLG għaddewlna korrispondenza mibgħuta mill-Ministeru għall-

Affarijiet Barranin u t-turiżmu. L-Ambaxxatur Malti għas-Slovenja għamel żjara uffiċjali f'Ljubljana fit-08.12.25, fejn se jkollu l-opportunità li jiltaqa' mal-Ministeru tal-Kultura tagħhom biex jesplora toroq potenzjali ta' kooperazzjoni. F'dan ir-rigward, l-MFT teħtieġ rispons dwar:

a) Jekk hemmx xi kooperazzjoni kulturali għaddejja mas-Slovenja fil-mument, u jekk iva, x'tinvolvi din

b) Jekk m'hemm l-ebda kooperazzjoni għaddejja, jekk hemmx interess li jiġu esplorati aktar xi toroq potenzjali ta' kooperazzjoni, u f'liema oqsma.

56.04.22 Nhar is-26.11.25 irċivejna li l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar ippreżenta l-aħħar rapport tiegħu intitolat – 'Rapport mill-Awditur Ġenerali dwar il-Ħidma tal-Gvern Lokali għas-sena 2024'.

56.04.23 Nhar is-27.11.25 irċivejna mill-AKL dwar l-attività bl-isem ta' Children's Peace March 2025 ġewwa l-Belt Valletta.

56.04.24 Nhar it-28.11.25 l-Assoċjazzjoni għaddewlna korrispondenza mingħand l-Uffiċju tad-Deputat Prim Ministru u Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Turiżmu sabiex jiġu organizzati workshops fil-Kunsilli Lokali. Il-Workshop ħa jkopri suġġetti bħal Pariri Għall-Ivjaġġar barra minn Malta, għodda dwar x'għandu jsir f'każ ta' kriżi bħal telf ta' dokumenti, inċidenti, serq, arresti, mewt, diffikultajiet relatati ma' ħruġ ta' Viża u kriżijiet oħra li jistgħu jinqalgħu fil-lokalita' tal-vjaġġatur waqt il-vjaġġ. Suġġetti oħra jinkludu l-immaniġġjar tas-*Cybercrime* kif ukoll drittijiet u doveri f'każ ta żwiġijiet u relazzjoni oħra ma ċittadini barranin jew/u ta' kulturi oħra.

56.04.25 Nhar it-28.11.25 irċivejna Cir AKL 2025/070 Kors għall-Ħaddiema fi Skala 16 skond il-Ftehim Kollettiv għall-Ħaddiema Klerikali.

56.04.26 Nhar l-01.12.25 irċivejna Ċirkulari Numru 5 2025 – Għeluq tas-sena finanzjarju 2025.

56.04.27 Nhar 01.12.25 irċivejna rimbors relatat mal-Assimilazzjoni tal-ħaddiema klerikali.

56.04.28 Nhar l-01.12.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar id-dokumentazzjoni meħtieġa rigward SPI/SCO/03/2025 – Lokalitajiet Aktar nodfa.

56.04.29 Nhar l-01.12.25 irċivejna stedina mill-Università ta' Malta għal lekċer pubblika dwar "Il-Kuntrattar tal-Prestazzjoni tal-Enerġija u s-Sħubija Pubblika-Privata bħala metodu għall-finanzjament u l-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija fis-settur pubbliku." Id-diskussjoni għandha tkun, fost oħrajn, għal dawk kollha interessati fil-governanza lokali, l-amministrazzjoni pubblika u persuni involuti fit-tranżizzjoni tal-enerġija fis-settur pubbliku.

56.04.30 Nhar l-01.12.25 irċivejna waste disposal sheet għal materjal riċiklabbli, għall- iskart organiku, għall-municipal waste u għall-ħġieġ.

56.04.31 Nhar l-01.12.25 is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill- Ing Farrugia li il-proġett tal-Manteniment ta' Street Lightning qed jinżamm sospiż għax għadna qed nistennew direzzjoni mingħand id-DLG dwar kif se tevolvi s-sitwazzjoni rigward is-software developement u street lighting.

56.04.32 Nhar it-03.12.25 irċivejna Cir AKL 2025/071_Proċess tal-ELoGE: Gwida, Appoġġ u Sessjoni ta' Follow-Up għall-Kunsilli Lokali. Nhar id-09.12.25 ġiet organizzata sessjoni t'informazzjoni li kienet follow-up importanti fuq diversi mistoqsijiet li qamu matul iż-żewġ sessjonijiet online li saru mal-Kunsilli Reġjonali, kif ukoll waqt is-sessjoni fiżika li saret f'Malta taħt il-gwida tal-esperti tal-ISIG u l-rappreżentanti ta' AICCRE Italia.

56.04.33 Nhar it-03.12.25 irċivejna mingħand is-Sur Gatt fejn stieden lis-Segretarji Eżekuttivi, lill-Presidenti Reġjonali, lis-Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u uffiċjali fl-amministrazzjoni għall

-avveniment annwali ta' ANSEK.

56.04.34 Nhar it-03.12.25 id-DG Vassallo informa li ser tkun qed tiġi ippubblikata l-iskeda segwenti li tkopri żewġ ġabriet addizzjonali minflok dawk ta' jum il-Milied u l-Ewwel tas-Sena, għaldaqstant ġejna mitluba biex nagħmlu l-arranġamenti neċessarji mal-kuntratturi rispettivi għal dawn il-ġabriet addizzjonali.
Il-President staqsa lid-DG Vassallo għaliex il-ġabra tal-Milied ma saritx l-Erbgħa 24 ta' Diċembru kif kien propost mill-maġġoranza tar-Reġjuni. Infurmah ukoll li ser jkun qed jiċċekkja ml-kuntrattur jekk hux ser jkollu biex jaħdem nhar 26 ta' Diċembru. Staqsa ukoll min ser ikun qed jħallas għall-dawn il-ġabriet żejda.

56.04.35 Nhar it-03.12.25 id-DG Vassallo informa li l-ispiża addizzjonali ta' din il-ġabra ser tinġarr mill-PROs. Informa li ma kienx hemm ftehim li d-Diviżjoni talloka fondi addizzjonali għar-rejects qabel it-2024. Il-gwida tad-Diviżjoni kienet li dawk kellhom ikunu meqjusa bħala żieda fil-piż tal-borża s-sewda. Bdew jiġu allokati fondi addizzjonali għalihom mill-2024 'il quddiem wara l-intervent tas-Segretarju Permanenti.

56.04.36 Nhar it-03.12.25 il-Maniġier tal-iskart informa lill- kuntratturi ta' Waste Solutions JV li skont l-email tad-DG, l-iskeda riveduta issa hija kif ġej:

Il-Ġimgħa, 26 ta' Diċembru – Ġbir tar-reċiklaġġ (ġbir doppju mal-organiku)
L-Erbgħa, 31 ta' Diċembru – Ġbir tar-reċiklaġġ (ġbir doppju mal-organiku)

Talab sabiex jikkonfermaw jekk dawn id-dati aġġornati humiex aċċettabbli u jekk jistgħux jwettqu l-ġbir kif skedat u/jew xi data minnhom.

56.04.37 Nhar it-03.12.25 il-Maniġer tal-Iskart issottometta talba għal approvazzjoni u permess biex jiġu imposti multi fuq il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart (CT2136/2022), skont l-SOP taħt S.L 601.03.Peress li l-kuntratt jaqbeż is-€750,000, qed nitolbu l-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti qabel ma nissottomettuh lid-DĠ DOC għall-permess finali.

56.04.38 Nhar l-04.12.25 irċivejna il-preżentazzjoni dwar is-seminar li sar dwar il-ġestjoni u l-manutenzjoni tas-siġar fit-toroq.

56.04.39 Nhar l-04.12.25 irċivejna link għal sessjoni ta' informazzjoni fuq Erasmus+ Youth and European Solidarity Corps.

56.04.40 Nhar l-04.12.25 irċivejna li mill-ERA li qed jevalwaw is-sottomissjonijiet kollha li rċevejna skont ir-rekwiżiti deskritti fit-Termini ta' Referenza għal Programm ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu (CPD) dwar il-Prevenzjoni tal-Iskart. Wara dan il-perjodu ta' evalwazzjoni, u kif speċifikat fit-TORs, l-Awtorità se titlob pjan aktar dettaljat mingħand l-entitajiet li s-sottomissjoni tagħhom titqies sodisfaċenti f'dan l-istadju.

56.04.41 Nhar l-04.12.25 irċivejna mis-Sur Scicluna mid-DLG li t-triq 'il quddiem issuġġerita mid-DOC dwar il-multi maħruġa fuq il-ġbir ta' skart hija li r-Reġjun u d-DĠ fid-DLG jitkellmu mal-kuntrattur l-ewwel qabel ma jimponu penali bħal dawn.
Il-Maniġer tal-iskart informa li l-kuntrattur diġà ġie avżat dwar dawn in-nuqqasijiet permezz ta' messaġġi fuq WhatsApp (li huwa kanal uffiċjali skont id-dokument tal-offerta) u wkoll permezz ta' diversi emails.

56.04.42 Nhar l-04.12.25 is-Sur Galea infurmana li ser nirċievu allokazzjoni addizzjonali għall-ġbir tal-Iskart riċiklabbli mill-istabbilimenti kummerċjali u element tal-VAT għas-sena 2025. Dawn l-ammonti ġew maħduma skont il-kuntratt eżistenti.

56.04.43 Nhar l-04.12.25 ġejna infurmat li Ir-reġistrazzjoni għal Fond Għall-Innovazzjoni huma miftuħa.

56.04.44 Nhar l-04.12.25 irċivejna mill-LESA li ġiet mnehdija t-tieni u l-aħħar sejħa għall-Proġetti fil-Kommunitajiet għal dawk il-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali li ma bbenefikawx mill-ewwel sejħa.

56.04.45 Nhar l-04.12.25 il-President bagħat lid-DG Dalli kif ukoll lid-DG Vassallo sabiex tiġi skedata laqgħa sabiex inkunu nistgħu nipproċedu bil-ħruġ ta' multi lill-kuntratur tal-iskart qabel tmiem is-sena.

56.04.46 Nhar is-07.12.25 irċivejna mid-Direttorat tas-Servizzi ta' Riċerka u Konsulenza (RASD) li infurmakom li l-Iskema ta' Distribuzzjoni tas-Siġar tal-Palm se titnieda uffiċjalment mill-Onor. Ministru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, Dr Anton Refalo, nhar il-Ġimgħa, 19.12.25. Il-Kunsilli Lokali kollha li jixtiequ jħawlu siġar tal-palm fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom huma mistiedna jissottomettu l-espressjoni ta' interess tagħhom billi jibagħtu email lil research.rasd@gov.mt.

56.04.47 Nhar it-08.12.25 irċivejna korrispondza rigward Cir AKL 2025/072 FW: Registration for the fifth edition of the Academy and Conference "Human Rights Go Local: What Works".

56.04.48 Nhar id-09.12.25 irċivejna Cir AKL 2025/073 FW: Call No. 2/2025 – Interreg VI-A Italy–Malta.

56.04.49 Nhar id-09.12.25 irċivejna l-allokazzjoni għall-ġabra tal-iskart kummerċjali u l-element ta' VAT għas-sena 2025.

56.04.50 Nhar id-09.12.25 irċivejna riassunt mid-DG Vassallo dwar il-ġbir tal-iskart riċiklabbli fil-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-sena sabiex jiġu evitati kumplikazzjonijiet.

56.04.51 Nhar id-09.12.25 irċivejna mill-Kunsill Malti għall-Arti għaddej minn proċess ta' Reviżjoni tal-Iskemi ta' Finanzjament bil-għan li jifhem aħjar u jtejjeb il-mekkaniżmi tal-iskemi ta' finanzjament u l-għotjiet tiegħu biex jipprovdi servizz aħjar lill-kandidati prospettivi.

56.04.52 Nhar l-10.12.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar dokumentazzjoni nieqsa dwar il-Cleanups li saru f'Settembru.

56.04.53 Nhar l-11.12.25 irċivejna mill-Wasteserv ringrazzjament talli ħadna sehem fil-Ġimgħa Ewropea għat-Tnaqqis tal-Iskart (EWWR)

56.04.54 Nhar il-11.12.25 is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet għal konferma li l-ispejjez għal ġabra addizzjonali ser jkunu qed jitħallsu mid-DLG u li ir-Reġjun mhux ser jkollu jerfa spejjeż żejda. Dan ġie kkonfermat mid-DG Vassallo. Il-porzjon tal-ispiża mhux kopert mill-PROs se jiġi rimbors mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

56.04.55 Nhar it-12.12.25 irċivejna Cir AKL 2025/074_ALDA Migration Hub: Citizens Without Citizenship Online Event.

56.04.56 Nhar it-12.12.25 irċivejna mingħand l-ERA l-iskeda aġġornata tal-ġbir tal-iskart matul il-ġimgħa tal-festi, kif ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern kif ukoll posters biex jiġu ippublikati fuq il-midja soċjali.

56.04.57 Nhar il-15.12.25 irċivejna Cir AKL 2025/075_Exchange of New Year Greetings 2025.

56.04.58 Nhar il-15.12.25 irċivejna mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi biex nappoġġjaw, nippromwovu, u nipparteċipaw fit-tieni edizzjoni tal-End of Year Race, avveniment li qed jiġi organizzat b'risq id-Dar tal-Providenza.

56.04.59 Nhar is-17.12.25 il-President kien preżenti għal laqgħa online dwar Programm għall-Kooperazzjoni Reġjonali Kulturali.

56.04.60 Nhar is-17.12.25 irċivejna mis-Sur Gatt fejn infurmana li t-talba għal ġabra żejda tal-iskart ġiet ippreżentata lill-GCC waqt il-laqgħa tas-16.12.25 u approvata. Addendum li jirrifletti r-rati l-ġodda se jiġi mħejji u mibgħut għall-iffirmar skont il-proċedura tas-soltu.

56.04.61 Nhar is-17.12.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li Il-Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) se tkun qed torganizza żewġ sessjonijiet ta' taħriġ għall-għaqdiet volontarji li jiffukaw fuq il-Marketing u Branding.

56.04.62 Nhar it-18.12.25 irċivejna li Dr Fleur Abela ħadet il-kariga ta' Kummissarju għall-Benesseri tal-Annimali. Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħha matul l-ewwel mitt jum tagħha fil-kariga hija li tiltaqa' mal-partijiet interessati kollha, dawk involuti direttament fis-settur tal-annimali, dawk b'konnessjoni indiretta miegħu, kif ukoll organizzazzjonijiet li bħalissa mhumiex attivi fil-qasam. Talbet għal-laqgħa sabiex jiġu diskussi u esplorati toroq potenzjali għall-kollaborazzjoni, u li jinstemgħu kwalunkwe sfida jew proposta li tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-benesseri tal-annimali u oqsma relatati.

56.04.63 Nhar id-19.12.25 irċivejna rimbors għall-ġabra addizzjonali tal-iskart riċiklabbli tas-26 u 31.12.2025.

56.04.64 Nhar id-19.12.25 irċivejna li ġiet ikkanċellata il-konferenza stampa - Invitation to Participate in the Palm Tree Distribution Scheme – li kienet ser issir 19.12.25

## 56.05 Tweġiebet għall-Mistoqsijiet

## 56.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti

35.01.01 Kwotazzjoni RFQ247/2025- Request For Quotation for the Printing of A4 Leaflets

## 56.07 Approvazzjoni ta' Xiri

**56.07.01** Kwotazzjoni RFQ247/2025 – Request For Quotation for the Printing of A4 leaflets

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President informa sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus.
Il-Kunsill qabel unanimament

**56.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.44**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 44.

Proponent: Il-Viċi President u s-Sindku tal-Qrendi is-Sur David M Schembri
Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

**56.09 Performance Bonuses:**

Performance Bonus lill-ħaddiema klerikali:

Il-President ippropona l-ammont ta' performance bonus li ghandu jinghata lil AV ikun ta' 9.5%, hekk kif kien ssuġġerit mil-ES.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop, is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-President ippropona l-ammont ta' performance bonus li ghandu jinghata lil DB ikun ta' 9.5%, hekk kif kien ssuġġerit mil-ES.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri

Il-President ippropona l-ammont ta' performance bonus li ghandu jinghata lil KX ikun ta' 9.5%, hekk kif kien suggerit mil-ES.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli, is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

**56.10 Maltese Buses in the Region**

Il-President ippropona li sabiex nżommu legat u ma nitilfux l-istorja tal- karozzi tal-linja Maltin, jitqabbad espert sabiex jiġu ippubblikati tliet (3) kotba fuq l-istorja tal karozzi tal- linja fir-Reġjun. Huwa infurmat li hemm 3 rotot - waħda Żebbuġ-Siggiewi; oħra Dingli-Rabat-Mdina u oħra rħula ta' wara l-mina. Huwa ippropona li nibdew il-ħidma fuq il-ktieb dwar l-aħħar rotta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

**56.11 Revizjoni tal-Budget 2025**

Il-President ippreżenta u spjega il-Budget tas-sena 2025 rivedut.

Sekondant: Is-Sindku ta' Mqabba is Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

## 56.12 Materji Oħra

### 56.12.01 Proposti Ambjentali

Wara spjega mill-Environmental Manager u fuq suġġeriment tiegħu il-President ippropona sabiex tinstab persuna li janalizza il-bżonnijiet tal-Kunsilli Lokali sabiex jinbena statut b'policies miktubin bħala *templates* u li Kunsill ikun jista jaddotta skont il-bżonnijiet tal-lokalita' tiegħu. Dan għandu jinkludi iżda mhux limitat għal:

- Statut fuq il-kuluri aċċettati ta' faċċati miksija
- Statut fuq il-projbizzjoni fuq tqassim fid-djar ta' materjal ipprintjat (ħlief ċertu eċċezzjonijiet)
- Statut fuq l-introduzzjoni ta' bandiera tal-COA tal-Kunsilli f'żoni Villa Areas
- Statut fuq il-ħolqien ta' kumitat volontarju (li jista jkun għal skopijiet ambjentali, kulturali etc)
- Statut fuq ħlas ta' parkeġġ pubbliku.
- Statut fuq l-introduzzjoni ta' penali lokali (fuq nuqqas ta permessi, nuqqas ta rispett għall- ambjent, storbju fit toroq)
- Statut fuq l-introduzzjoni ta' tourism/eco tax kkategorizzati fuq kull establishment li tinfetaħ jew isservi etc
- Statut fuq it-tixrid u ż-żamma ta' reġistru tar-residenti fir-raħal mill-Aġenzija Identita' u in-notifikazzjoni ta' cittadini/residenti/barranin fl-imigrazzjoni/emigrazzjoni mir-raħal u penali assoċjati man-nuqqas t'infurmar.
- Statut fuq it-tixrid u ż-żamma t'informazzjoni minn operaturi tat trasport u penali assoċjati man-nuqqas t'infurmar (reġistru ta garaxxijiet tat-taxis, vannijiet, coaches; reġistru ta' l-użu ta' bus stops, frekwenza, ammont u tip ta' passiġġieri; reġistru tal-użu ta' taxis.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament

### 56.12.02 Environmental Manager – Talba għal 20 hrs part time

Il-President informa illi l-Environmental Manager is-Sur NM mhux ser jibqa' jaħdem 40 siegħa full-time mar-Reġjun però offra is-servizz tiegħu bħala 20 siegħa part-time. Wara diskussjoni ir-Reġjun qabel li is-Sur NM jibqa' impjegat part-time sakemm toħroġ sejħa oħra għal persuna fuq bażi ta' full time.

Sekondant: is Sindku ta' Ħad- Dingli – is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

### 56.12.03 Vakanza Manager tal-Kultura

Il-President informa lill-membri li, wara evalwazzjoni tax-xogħol li sar fl-aħħar sena mill-Maniġer tal-Kultura, li kien qed jaħdem fuq bażi part-time, u wara analiżi tax-xogħol propost u ppjanat għas-sena 2026, il-Maniġer infurmana li kien għaqli li jirriżenja.

Għaldaqstant, ladarba ġiet riċevuta l-ittra ta' riżenja mingħand il-Maniġer tal-Kultura is-Sur DC, il-President ippropona li tinħareġ sejħa fuq bażi ta' full-time sabiex jimtela dan il-post.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

### 56.12.04 Vakanza ta' Content Creator

Il-President ippropona li sabiex il-messaġġ tagħna jasal aktar għand ir-residenti ir-Reġjun jimpjega Content Creator li jkun jista' jieħu ħsieb li jżid l-interazzjoni fuq il-midja soċjali.

Sekondant: Is-Sindku ta' Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

### 56.13 Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-19.15 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar it-Tlieta **27 ta' Jannar, 2026 fil-17:00.**

Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

Tania Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum